

Brussell, 25 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

13561/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0365 (NLE)**

---

---

**PECHE 431**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Ottubru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 710 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 710 final.

Mehmuż: COM(2018) 710 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.10.2018  
COM(2018) 710 final

2018/0365 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ifittex jiżgura li r-riżorsi akkwatiċi ħajjin huma sfruttati f'kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għodda importanti f'dan ir-rigward hija l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd.

L-għan ta' din il-proposta huwa li għall-2019 jiġu ffissati l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri fir-rigward tal-iktar stokkijiet kummerċjalment importanti fil-Baħar l-Iswed.

Għal-laċċa kaħla, il-proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku għal kwota awtonoma, sabiex jinżamm il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd.

Għall-barbun imperjali, il-proposta hija bbażata fuq it-TAC u l-kwoti kif stabbiliti bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM) (GFCM/41/2017/4) dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali fis-subżona ġeografika 29 (il-Baħar l-Iswed).

- **Kuntest ġenerali**

- Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni Attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2019 [COM (2018) 452 final tal-11.06.2018], jiddeskrivu l-isfond tal-proposta.
- Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u skont l-Artikolu 16(4) (li jirreferi għall-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd u għar-regoli previsti fil-pjanijiet pluriennali) tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

L-istokkijiet tal-Baħar l-Iswed huma sfruttati mill-Bulgarija u mir-Rumanija kif ukoll mill-pajjiżi terzi t-Turkija, l-Ukrajna, il-Georgia u l-Federazzjoni Russa (pajjiżi li mhumiex parti mill-UE).

Madankollu, sal-2017 ma kien hemm l-ebda deċiżjoni dwar il-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) fil-livell reġjonali bejn il-pajjiżi tal-UE u l-pajjiżi terzi. L-Unjoni Ewropea ilha, kull sena mill-2008 'l hawn, tistabbilixxi kwoti awtonomi għall-barbun imperjali u għal-laċċa kaħla sabiex tgħin fl-iżgurar tal-applikazzjoni tar-regoli tal-PKS. Madankollu, mill-2018 qed tiġi applikata TAC reġjonali għas-sajd tal-barbun imperjali għal sentejn (2018-2019) b'allokazzjoni temporanja ta' kwoti u trasposta fir-Regolament tal-UE għall-Baħar l-Iswed, f'konformità mar-rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4, adottata fil-41 sessjoni annwali tal-GFCM fl-2017.

Is-sajd li jisfrutta **l-laċċa kaħla** huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira għall-pajjiżi riparji tal-Baħar l-Iswed. Skont il-ħatt l-art rapportat uffiċjalment fir-rapport għall-2017 tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF) dwar il-Baħar l-Iswed, is-sehem tal-pajjiżi tal-UE fil-Baħar l-Iswed mill-qbid għal-laċċa kaħla fl-2014 kien jirrappreżenta 4,5 % tal-ħatt l-art totali rrapportat uffiċjalment; fl-2015 kien 3,12 % u fl-2016, 2,93 %. Skont ir-rapport tas-sessjoni annwali tal-GFCM għall-2017, l-istokk tal-laċċa kaħla

fil-Baħar l-Iswed huwa sfruttat b'mod sostenibbli. Madankollu, hemm b'żonn jinżamm il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed, jiġifieri 11 475 tunnellata.

Is-sajd li jisfrutta **l-barbun imperjali** huwa ta' importanza soċjoekonomika kbira għall-pajjiżi riparji tal-Baħar l-Iswed. Ir-rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 stabbiliet TAC reġjonali ta' 644 tunnellata għall-barbun imperjali għall-2018 u 2019, b'allokazzjoni temporanja ta' kwoti għall-pajjiżi riparji kollha tal-Baħar l-Iswed. Ir-rakkomandazzjoni fiha klawżola ta' reviżjoni li tippermetti r-reviżjoni tat-TAC u tal-kwoti għall-2018, jekk il-parir xjentifiku ma jikkonfermax il-kontinwazzjoni tal-evoluzzjoni kostruttiva tal-mortalità mis-sajd. Is-seba' sessjoni annwali tal-Grupp ta' Ħidma tal-GFCM dwar il-Baħar l-Iswed, li saret bejn il-11 t-13 ta' Lulju 2018, ikkonfermat il-kontinwazzjoni tal-evoluzzjoni kostruttiva tal-mortalità mis-sajd tal-istokk tal-barbun imperjali. Fl-2018 u fl-2019 il-kwota allokata għall-UE ġiet iffissata għal 114 tunnellata. It-TAC u l-kwoti għall-barbun imperjali, il-ġestjoni tal-isforz tas-sajd u l-limitu ta' jiem ta' sajd għal 180 jum fis-sena u l-perjodu tal-għeluq applikabbli bħalissa ta' xahrejn, mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, jenħtieġ li jiġu implimentati f'dan ir-Regolament.

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96<sup>1</sup>, huwa propost li l-Artikoli 3 u 4 ma japplikawx għall-istokkijiet koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 il-flessibbiltà ta' sena b'sena stipulata fl-istess Artikolu tapplika għall-istokkijiet koperti bl-obbligu ta' ħaqq l-art.

#### • **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

L-opportunitajiet ta' sajd u l-allokazzjoni tagħhom lill-Istati Membri huma rregolati kull sena. L-aħħar att legali ta' dan it-tip huwa r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/2360<sup>2</sup> tal-11 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar l-Iswed.

Minbarra l-opportunitajiet tas-sajd annwali, jenħtieġ li jissemmew il-miżuri rilevanti li ġejjin għas-sajd tal-Baħar l-Iswed kopert b'din il-proposta. Il-proposta tal-Kummissjoni għat-traspożizzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet reċenti tal-GFCM ġiet adottata fit-22.03.2018<sup>3</sup> u attwalment tinsab taħtproċedura koleġiżlattiva fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Jenħtieġ li wieħed jinnota wkoll li l-elementi li ġejjin huma marbuta b'mod intrinsiku mal-opportunitajiet annwali tas-sajd u jitqiesu f'din il-proposta:

- Id-daqsijiet minimi ta' konservazzjoni u d-daqsijiet minimi tax-xbieki fir-rigward tas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed huma stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 227/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013<sup>4</sup> li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98 li jispeċifika l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jinħattu l-arangi għal skopijiet industrijali li mhux għall-konsum dirett tal-bniedem.
- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/37/2013/2 li tistabbilixxi sett ta' standards minimi għas-sajd bl-għeżula tal-qiegħ għall-barbun imperjali u għall-konservazzjoni taċ-ċetaċji fil-Baħar l-Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (il-GFCM) fis-37 sessjoni tagħha (Split, Mejju 2013).

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

<sup>2</sup> ĠU L 337, 19.12.2017, p.1

<sup>3</sup> COM(2018) 143 final tat-22 ta' Marzu 2018

<sup>4</sup> ĠU L 78, 20.3.2013, p.1

- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/39/2015/3 li tistabilixxi sett ta' miżuri li jevitaw, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM) fid-39 sessjoni tagħha (Milan, Mejju 2015).
- Ir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4 dwar il-pjan ta' ġestjoni pluriennali ġdid tas-sajd għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29) adottata mill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM) fil-41 sessjoni tagħha (Budva, Ottubru 2017).
- Id-Dikjarazzjoni ta' Bucharest<sup>5</sup> approvata fil-kuntest ta' laqgħa ta' livell għoli organizzata mill-GFCM dwar il-ġestjoni tas-sajd fil-Baħar l-Iswed f'Ottubru 2016. Il-konferenza adottat din id-Dikjarazzjoni, li tenfasizza l-hteġa ta' approċċi komuni u kollaborattivi fost l-Istati riparji biex itejbu s-sostenibbiltà tas-sajd fil-Baħar l-Iswed.
- Id-dikjarazzjoni Ministerjali ta' Sofija<sup>6</sup> ffirmata fis-7 ta' Ġunju 2018 fil-kuntest ta' Konferenza ta' Livell Għoli dwar is-sajd u l-akkwakultura fil-Baħar l-Iswed, li tikkonkretizza l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Bucharest u li tistabilixxi pjan speċifiku ta' azzjoni għall-10 snin li ġejjin fil-Baħar l-Iswed għas-sajd sostenibbli.
- L-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-GFCM (għall-2017-2020) lejn is-sostenibbiltà tas-Sajd fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed<sup>7</sup>, li tadotta, fost l-oħrajn, sett ta' azzjonijiet biex isaħħu l-governanza tas-sajd fil-Baħar l-Iswed f'livell multilaterali.
- Il-Bulgarija u r-Rumanija appoġġaw u pparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-proġett pilota ta' spezzjoni u kontroll tal-GFCM għas-sajd tal-barbun imperjali stabbilit mir-Rakkomandazzjoni GFCM/41/2017/4. Il-proġett pilota tal-GFCM ġie żvilupp mill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd, u l-Bulgarija u r-Rumanija kkollaboraw b'mod attiv mal-EFCA billi ppermettew l-operazzjoni konġunta ssir fiż-ŻEE rispettivi tagħhom.
- L-implimentazzjoni tal-impenji mogħtija mill-Bulgarija u mir-Rumanija f'Diċembru 2017, fil-kuntest tar-Regolament tal-2018 dwar il-possibbiltajiet tas-sajd biex itejbu l-ġestjoni tagħhom għall-barbun imperjali u għall-mazzola griża fl-2018 permezz tal-implimentazzjoni ta' sett ta' miżuri biex jittejjeb il-kontroll, fil-ġlieda kontra s-sajd IUU u biex itejbu l-ġbir tad-*data*, hija effiċjenti. Kemm il-Bulgarija kif ukoll ir-Rumanija implimentaw serje ta' azzjonijiet, jiġifieri biex jitnaqqas ir-riskju ta' qabdiet mhux iddikjarati, billi rreġistraw il-qabdiet kollha tal-barbun imperjali u tal-mazzola griża (anki għal kwantitajiet ta' inqas minn 50 kg), billi tizzied ir-rata ta' spezzjonijiet (fuq il-baħar, fis-suq, fuq l-art uspezzjonijiet konġunti), biex tappoġġja u tkompli ttejjeb il-parir xjentifiku fir-rigward tas-sajd u tad-*data* bijoloġika dwar l-istokkijiet tal-Baħar l-Iswed.

- **Konsistenza ma' politiki u ma' għanijiet oħra tal-UE**

Il-miżuri proposti huma f'konformità mal-għanijiet u mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

<sup>5</sup> Ara kif meħud minn <http://www.fao.org/gfcm/meetings/blackseaconference2016/en/>

<sup>6</sup> Ara kif meħud minn [https://ec.europa.eu/fisheries/black-sea-countries-pledge-promote-sustainable-fisheries-and-aquaculture\\_mt](https://ec.europa.eu/fisheries/black-sea-countries-pledge-promote-sustainable-fisheries-and-aquaculture_mt)

<sup>7</sup> Ara kif meħud minn: <http://www.fao.org/gfcm/reports/statutory-meetings/detail/en/c/454522/>

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

### • Ġbir u użu ta' għarfien espert

L-organizzazzjonijiet xjentifiċi kkonsultati huma l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF) u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-Baħar l-Iswed (il-WGBS) tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM).

L-Unjoni titlob il-parir xjentifiku tal-STEFCF dwar il-qagħda tal-istokkijiet ta' ħut importanti. L-STEFCF jagħti l-parir tiegħu billi jsegwi t-termini ta' referenza li jirċievi mingħand il-Kummissjoni. L-istokkijiet tal-Baħar l-Iswed li għalihom huma proposti kwoti se jkunu koperti mill-parir reċenti u preċiż fiż-żmien tad-diskussjoni ta' din il-proposta fil-Kunsill.

L-għan aħħari tal-Unjoni huwa li ggħib u żżomm l-istokkijiet f'livelli li jippermettu li jinkiseb ir-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY). Dan l-għan ġie inkorporat b'mod espliċitu fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku tal-PKS, li li jiddikjara li dan l-objettiv "għandu jintlaħaq sal-2015, fejn possibbli, u [...] sa mhux iktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha". Dan jirrifletti l-impenn li ħadet l-Unjoni fir-rigward tal-konklużjonijiet tas-Summit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar f'Johannesburg u l-Pjan ta' Implimentazzjoni marbut miegħu.

### • Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati permezz tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Politika Komuni tas-Sajd u dwar konsultazzjoni b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd għall-2019 [COM (2018) 452 final tal-11.06.2018]. L-STEFCF ipprovdiet il-bażi xjentifika għall-proposta. Ir-rapporti kollha tal-STEFCF huma disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ MARE.

### • Valutazzjoni tal-impatt

Fil-livell tal-UE, ir-riskju ta' impatt negattiv fuq l-irkupru tal-popolazzjoni tal-istokk tal-barbun imperjali huwa llimitat b'miżuri addizzjonali ta' reġistrazzjoni, ta' kontroll u ta' monitoraġġ introdotti u implimentati mir-Rumanija u mill-Bulgarija biex jikkonformaw mal-impenni tagħhom mogħtija minn dawn l-Istati Membri fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2018 għal ċerti stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed.

Fil-livell multilaterali, ir-riskju ta' impatt negattiv fuq l-irkupru tal-popolazzjoni tal-istokk huwa limitat minn għadd ta' azzjonijiet ġodda: 1) id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Sofija ffirmata fis-7 ta' Ġunju li tikkonferma l-impenn tal-pajjiżi riparji tal-Baħar l-Iswed li jaġixxu kollettivament fuq il-bażi ta' pjan ta' azzjoni konkret għas-sostenibbiltà tas-sajd fil-Baħar l-Iswed, 2) l-adozzjoni waqt il-41 laqgħa annwali tal-GFCM u sussegwentement l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali tal-GFCM biex jiġi miġġieled is-sajd IUU, 3) l-implimentazzjoni f'livell multilaterali tal-proġett tal-GFCM BlackSea4Fish ibbażat fuq koperazzjoni reġjonali fid-*data*, stħarriġ u valutazzjonijiet xjentifiċi, 4) l-adozzjoni waqt il-41 laqgħa annwali tal-GFCM u sussegwentement l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed (GSA 29). Il-pjan stabilixxa Qabda Totali Permissibbli (TAC) multilaterali u l-allokazzjoni temporanja tagħha għall-pajjiżi riparji tal-Baħar l-Iswed għall-2018 u l-2019. Element sostanzjali mill-pjan ta' ġestjoni pluriennali huwa l-implimentazzjoni ta' proġett pilota konġunt ta' spezzjoni u ta' kontroll fuq

il-baħar. Il-klawżola ta' revizzjoni mdaħħla fil-pjan tippermetti r-reviżjoni tat-TAC u tal-kwoti, jekk il-parir xjentifiku ma jikkonfermax il-kontinwazzjoni tal-evoluzzjoni kostruttiva tal-mortalità mis-sajd. Barra minn hekk il-pjan jipprevedi skema ta' allokkazzjoni permanenti tat-TAC u programm ta' spezzjoni permanenti sal-2020. Dan il-pjan jikkontribwixxi biex l-attività ta' sajd IUU tiġi miġġielda b'mod effiċjenti u għall-ġestjoni xierqa tal-istokk tal-barbun imperjali f'livell reġjonali.

Il-proposta ma tirriflettix biss tħassib għal żmien qasir iżda hija wkoll parti minn approċċ aktar fit-tul li matulu l-livell tas-sajd jiġi adattat gradwalment għal livelli ta' sostenibbiltà fit-tul.

Għaldaqstant, l-approċċ meħud fil-proposta jista' jwassal għal tnaqqis fl-isforz tas-sajd fi żmien medju, iżda li fit-tul jista' jwassal għal kwoti stabbli jew li jiżiedu. Il-konsegwenzi fit-tul li huma mistennija minn dan l-approċċ huma tnaqqis tal-impatt fuq l-ambjent minħabba l-adattament tal-isforz tas-sajd u opportunitajiet tas-sajd. Is-sostenibbiltà tal-attivitàjiet tas-sajd se tiżdied fit-terminu twil.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA**

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-limiti tal-qbid applikabbli għas-sajd tal-UE fil-Baħar l-Iswed sabiex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Politika Komuni tas-Sajd li jiġi żgurat sajd f'livelli li huma bijoloġikament, ekonomikament u soċjalment sostenibbli.

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku dwar il-PKS.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja.

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-iffissar u l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill propost jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. B'kont meħud tal-Artikolu 16(6) u (7) u tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, kull Stat Membru huwa liberu li jalloka dawn l-opportunitajiet lil bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu skont kif jidhirlu xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom spazju kemm iridu biex

jimmanuvraw fuq deċiżjonijiet relatati mal-mudelli soċjali u ekonomiċi li jużaw biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokatu lilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament huwa adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE u skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

#### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni.



Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

### **li jiffissa għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut fil-Baħar l-Iswed**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jistipula li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, irid jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.
- (2) Ir-Regolament(UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> jeżiġi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inklużi, fejn rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STEFCF).
- (3) Il-Kunsill għandu d-dmir li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont is-sajd jew il-grupp tas-sajd fil-Baħar l-Iswed, inklużi ċerti kundizzjonijiet li huma funzjonalment marbuta magħhom, kif xieraq. L-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistipula li jiġu stabbiliti opportunitajiet tas-sajd skont l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd (il-PKS) stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistipula li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu allokati lill-Istati Membri b'tali mod li jiżguraw stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew sajd.
- (4) Fil-41 Laqgħa Annwali tagħha fl-2017, il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (il-GFCM) adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/40/2017/4 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sajd tal-barbun imperjali fis-subżona ġeografika 29 (il-Baħar l-Iswed). Ir-rakkomandazzjoni tistabbilixxi l-Qabda Totali Permissibbli (it-TAC) għall-barbun imperjali għal sentejn (2018-2019) b'allokazzjoni temporanja ta' kwoti. Jenħtieġ li dik il-miżura tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.
- (5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi tal-parir xjentifiku disponibbli, b'kunsiderazzjoni ta' aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi filwaqt li jkun

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll fid-dawl tal-opinjoniġiet espressi fil-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- (6) Skont il-parir xjentifiku disponibbli tal-STEFCF, huwa meħtieġ li jinżamm il-livell attwali tal-mortalità mis-sajd, sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-istokk tal-laċċa kaħla fil-Baħar l-Iswed.
- (7) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd kif stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009<sup>9</sup> u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu, fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tan-notifika tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-kodiciġiet li jridu jintużaw mill-Istati Membri meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkiġiet li huma soġġetti għal dan ir-Regolament.
- (8) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96<sup>10</sup>, iridu jiġu identifikati l-istokkiġiet li huma soġġetti għall-miżuri varji msemmija fih.
- (9) Fir-rigward tal-istokk tal-barbun imperjali, jenħtieġ li jittieħdu aktar miżuri ta' konservazzjoni. Iż-żamma tal-perjodu tal-għeluq ta' xahrejn, mill-15 ta' April sal-15 ta' Ġunju, applikabbli bħalissa, tkompli tippovdi protezzjoni għall-istokk matul l-istaġun riproduttiv tal-barbun imperjali. Il-ġestjoni tal-isforz tas-sajd u l-limitu ta' jiem ta' sajd għal 180 jum fis-sena, iħallu impatt ta' konservazzjoni pożittiv fuq l-istokk tal-barbun imperjali.
- (10) Sabiex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u sabiex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, huwa importanti li fl-1 ta' Jannar 2019 jinfetħu t-tipi tas-sajd inkwistjoni fil-Baħar l-Iswed. Għal raġunijiet ta' urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu.
- (11) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jintużaw f'konformità sħiħa mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## **KAPITOLU I**

### **Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

#### **Artikolu 1**

##### **Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-istokkiġiet li ġejjin:

<sup>9</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343 22.12.2009, p. 1).

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

- (a) Laċċa Kaħla (*Sprattus sprattus*) fil-Baħar l-Iswed
- (b) Barbun Imperjali (*Psetta maxima*) fil-Baħar l-Iswed;

Artikolu 2  
**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tal-Bulgarija jew tar-Rumanija u joperaw fil-Baħar l-Iswed.

Artikolu 3  
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “GFCM” tfisser il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran;
- (b) “Il-Baħar l-Iswed” tfisser is-subżona ġeografika 29 kif iddefinita fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup>;
- (c) “Bastiment tas-sajd” tfisser kull bastiment mgħammar għall-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar;
- (d) “Bastiment tas-sajd tal-Unjoni” tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u rreġistrat fl-Unjoni;
- (e) “Stokk” tfisser riżorsa bijoloġika tal-baħar li tinsab f'żona ta' ġestjoni partikolari;
- (f) “Qabda Totali Permissibbli” (TAC) tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad fuq perjodu ta' sena;
- (g) “Kwota Awtonoma tal-Unjoni” tfisser limitu tal-qabdiet allokat b'mod awtonomu lil bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fin-nuqqas ta' qbil dwar TAC;
- (h) “Kwota analitika” tfisser il-kwota awtonoma tal-Unjoni li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika.
- (i) “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta' *data* dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija *data* ta' kwalità biżżejjed biex abbażi tagħha jingħata parir xjentifiku dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

## **KAPITOLU II**

### **Opportunitajiet tas-sajd**

#### Artikolu 4

#### **Allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd**

1. Il-kwota awtonoma tal-Unjoni għal-laċċa kaħla, l-allokazzjoni ta' tali kwota fost l-Istati Membri, u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness.
2. It-TAC għall-barbun imperjali, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta' tali TAC fost l-Istati Membri u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn xieraq, huma stabbiliti fl-Anness.

#### Artikolu 5

#### **Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet**

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stabbilit f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għalli ġej:

- (a) għall-iskambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

#### Artikolu 6

#### **Ġestjoni tal-isforz tas-sajd għall-barbun imperjali**

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, irrISPETTIVAMENT mit-tul tal-bastimenti, ma għandhomx jaqbu l-180 jum ta' sajd fis-sena.

## **KAPITOLU III**

### **Dispożizzjonijiet finali**

Artikolu 7

#### **Trażmissjoni tad-*data***

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu *data* lill-Kummissjoni relatata mal-ħatt l-art ta' kwantitajiet ta' stokkijiet maqbuda, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

Il-President